StudentBounty.com

# Il-*Benchmark* ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

**L-Erbgħa l-1 ta' Ġunju 2011**

**Il-Malti: Il-Qari**

**Il-Marki: 30 marka**

**Il-Ħin: 50 minuta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## L-Ewwel Taqsima (10

StudentBounty.com

**Aqra dan il-programm u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

**PROGRAMM TA' FIERA KBIRA**

**F'JUM ĦAŻ-ŻARŻUR**

**ORGANIZZATA MILL-KUNSILL LOKALI**

| | |
|---|---|
| Fid-9·00 AM | Diskors tal-ftuħ mis-Sindku tal-Kunsill Lokali. |
| Fid-9·30 AM | Varjetà ta' kant u żfin fuq il-palk prinċipali minn kantanti popolari Maltin. |
| Fin-12·30 PM | Wirja mis-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija. |
| Fis-1·00 PM | Dħul fil-pjazza ta' karozzi u muturi antiki użati fi żmien il-gwerra. Wara l-pubbliku jkun jista' jdur magħhom u jieħu xi ritratti. |
| Fis-2·30 PM | Ftuħ ta' wirja bi tpinġijiet tat-tfal. Fl-aħħar tal-fiera, it-tpinġijiet ser ikunu għall-bejgħ u l-qligħ imur b'risq id-dar tal-anzjani tar-raħal. |
| Fl-4·00 PM | Preżentazzjoni ta' ċertifikati u trofej mill-President ta' Malta lit-tfal rebbieħa tal-kompetizzjoni tat-tpinġija. |
| Fil-4·45 PM | Għeluq tal-fiera. |

**Matul il-jum kollu ser ikun hemm bejgħ ta':**



**Ħwawar tal-borma**



**Pjanti ta' ġewwa**

**Ikel u ħelu tradizzjonali Malti**

**KULĦADD HUWA MISTIEDEN LI JATTENDI**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**A. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb n-n[umru]**
**fil-kaxxa. L-ewwel waħda hija eżempju.** **(4 [marki])**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Il-fiera hija organizzata** | | jinbiegħu pjanti u ikel Malti. |
| 2. | Is-Sindku tal-Kunsill Lokali għandu | | lit-tfal mill-President ta' Malta. |
| 3. | Matul il-jum kollu ser | | ser imur għad-dar tal-anzjani tar-raħal. |
| 4. | Il-qligħ mill-bejgħ tat-tpinġijiet | **1.** | **mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żarżur.** |
| 5. | Il-premjijiet ser jingħataw | | jiftaħ il-programm b'diskors qasir. |

**B. Imla l-vojt billi ssib <u>il-kelma</u> t-tajba mill-programm.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.** **(3 marki)**

1. Din il-fiera hija organizzata fl-okkażjoni ta' **<u>Jum</u>** Ħaż-Żarżur.
2. Fid-9.30 fuq il-palk prinċipali ser tittella' _________________ ta' kant u żfin minn kantanti Maltin.
3. Is-Sezzjoni tal-_________________ tal-Pulizija għandha tagħti wirja sabiħa.
4. Waħda mill-għaqdiet ser tippreżenta għadd ta' karozzi u muturi _________________ fil-pjazza waqt il-fiera.

**Ċ. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ( ✓ ) fil-kaxxa.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.** **(3 marki)**

| | | VERU | FALZ | MA SSEMMIETX |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Waqt din il-fiera ser ikun hemm bejgħ ta' karozzi u muturi. | | ✓ | |
| 2. | Il-President ta' Malta ser jagħti ċertifikati u trofej lit-tfal kollha li jieħdu sehem fil-kompetizzjoni tat-tpinġija. | | | |
| 3. | L-aħjar tpinġijiet tat-tfal kienu se jiġu ppubblikati mill-Kunsill Lokali fi ktieb. | | | |
| 4. | Il-Kunsill qed jistieden lin-nies kollha tar-raħal biex jattendu u jieħdu sehem fl-attivitajiet. | | | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## It-Tieni Taqsima (20

**Aqra din l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

# IT-TISLIMA

*L-Ewwel Parti*



Kien għad fadal l-aħħar kwarta biex iddoqq dik l-imbierka ta' qanpiena. Kulħadd kien qiegħed ***jistennieha fuq ix-xwiek*** għaliex kienet tfisser ġimagħtejn vaganzi tal-Għid. Xi tifel imqarqaċ beda jżerżaq fil-basket il-kotba li kellu fuq il-bank, dejjem bil-moħbi tal-għalliem. U dan kollu biex, malli ddoqq, ikun minn ta' quddiem li jispara 'l barra mill-klassi. *(par.1)*

"Tfal, qabel nispiċċaw nixtieq ngħidilkom xi ħaġa tal-aħħar," instema' jirbombja leħen is-Sur Borg li ħasad lil xi studenti li f'moħħhom bdew ifasslu programmi sħaħ għall-vaganzi. "Nixtieqkom tagħtu ċapċipa ta' tislima lil seħibna Shaun li għalih illum huwa l-aħħar jum fl-iskola tagħna. Kif tafu, wara l-vaganzi, huwa ser jibda jattendi skola ġdida fil-lokalità fejn sejjer joqgħod mal-familja tiegħu." Minnufih il-klassi kollha nfexxet f'applaws kbir. *(par.2)*

Claire u Ryan, il-ħbieb tal-qalb ta' Shaun, qamu minn posthom u resqu lejh għax kien mifxul waħda sewwa. Claire taptpitlu tnejn fuq dahru filwaqt li f'isem il-klassi stednitu biex jibqgħu jiltaqgħu. "Isma', wara kollox, Malta ser tibqa' u dejjem hemm it-telefown u l-*Facebook,*" aċċertah Ryan, filwaqt li ħares lejn Shaun li kellu għajnejh mimlija dmugħ. Fil-ħin daqqet il-qanpiena u kulħadd nesa kollox. L-istudenti qabdu triqthom lejn darhom biex igawdu l-libertà li jġibu l-vaganzi! *(par.3)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ( ✓) fil-kaxxa.**

**(Marka għal kull waħda = 7 m**

StudentBounty.com

1. It-tfal kienu qed jistennew il-qanpiena ddoqq biex

- [ ] joħorġu għall-brejk.
- [ ] imorru d-dar u jibdew il-vaganzi.
- [ ] jibdew il-lezzjoni.

2. Ryan talab lil Shaun biex jibqgħu jżommu kuntatt

- [ ] permezz tat-telefown u l-*Facebook*.
- [ ] permezz tat-telefown u l-*MSN*.
- [ ] permezz tal-*Facebook* u ittri elettroniċi.

**3. Aqta' linja taħt il-frażi t-tajba.**

a) Il-qanpiena tissejjaħ 'imbierka' għax

i) kien berikha l-kappillan. ii) iddoqq sabiħ.

iii) it-tfal kienu fuq ix-xwiek biex jibdew il-vaganzi.

b) Claire taptpet tnejn fuq dahar Shaun biex

i) tagħmillu kuraġġ. ii) tneħħilu t-trab li kellu.

iii) timbuttah.

**4. Aqta' linja taħt l-aġġettiv f'din is-sentenza.**

"…huwa ser jibda jattendi skola ġdida fil-lokalità fejn sejjer joqgħod..."

**5. Agħti l-femminil ta':**

'tifel imqarqaċ' ______________________________

**6. Aqta' linja taħt it-tajba.**

Shaun kien imdejjaq għax se jħalli ( lil, lill-, lil- ) sħabu tal-klassi.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Kompli aqra l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

# IT-TISLIMA

*It-Tieni Parti*

Fi triqtu lura lejn id-dar, Shaun ma kienx jaf minn fejn hu għaddej. Saqajh kienu mexjin waħidhom għaliex moħħu beda jhewden fuq it-tifkiriet sbieħ li kellu ta' din l-iskola u ta' ħbiebu. Beda jġib quddiem għajnejh il-gost li ħadu hu u Claire dakinhar li ħadu magħhom il-klieb għat-tberik tal-annimali. Ftakar ukoll fid-dawra bl-ajruplan sa Sqallija li organizzatilhom il-Kap tal-Iskola. Żgur li mhux se jinsa l-eċċitament li qabdu hu u tiela' fl-ajruplan! *(par.4)*

Imma l-aktar li ser jibqa' jgħożż hija t-tifkira ta' meta t-tim tal-futbol tal-klassi tas-sena l-oħra rebaħ it-tazza tal-iskola. Kemm qabżu meta rebħuha! Bdew ġejjin f'moħħu l-mumenti sbieħ ta' dik il-logħba u beda jisma' f'widnejh il-kumplimenti ta' sħabu u tas-Sur Portelli, il-kowċ tat-tim. Reġa' ħaseb fuq il-ġmiel ta' gowl li skorja! Dakinhar ġie waħdu quddiem il-gowler wara li għaddielu l-ballun Ryan. Fil-pront fajjar xutt bil-lemin li baqa' dieħel dritt fix-xibka. *(par.5)*



Taħt il-bankina Shaun lemaħ bott vojt tal-piżelli. Bla ma jaf kif siequ l-leminija ħarġet fil-pront u bumm! Il-bott qabad jitgerbeb bis-saħħa sakemm waqaf zoptu mar-roti ta' wara ta' trakk aħmar li kien hemm wieqaf. "Eħħ! Shaun, hekk irid dak iż-żarbun il-ġdid! Issa ejja għidli li tqatta' ta..." sema' l-leħen t'ommu. Shaun inħasad u ġie f'sensih minnufih. "Qis li titla' malajr fuq u tbiddel dik l-uniformi; ilna nofs siegħa nistennewk jien u missierek. Niżżel kollox miegħek u stenniena fil-karozza għax dalwaqt irridu nitilqu. Isa, ħaffef," ordnatlu ommu bil-ħatfa. *(par.6)*

***B'geddumu mdendel sal-art***, Shaun tela' t-taraġ waħda waħda u kontra qalbu għamel dak li talbitu ommu. Ftit ħin wara, Shaun sab ruħu bilqiegħda fuq wara tal-karozza tagħhom, b'gozz basktijiet f'ħoġru, kemm kemm seta' jdawwar rasu. Hekk kif missieru startja l-karozza, Shaun ħares kif seta' għall-aħħar darba lejn id-dar li tant kienet għal qalbu u minn taħt l-ilsien lissen 'ċaw', filwaqt li ħass qalbu tingħafas. *(par.7)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:** **(Marka għal kull waħda =**

StudentBounty.com

1. Semmi tifkira sabiħa li kellu Shaun ma' sħabu tal-iskola, mir-raba' paragrafu.

_______________________________________________

_______________________________________________

2. X'għamel Shaun meta ra l-bott vojt tal-piżelli? *(par.6)*

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Għaliex taħseb li Shaun tela' fuq imdejjaq? *(par.7)*

_______________________________________________

_______________________________________________

**4. Għid għal min qed jirreferu.**

***Eżempju*:** li organizzatil**<u>hom</u>** il-Kap tal-iskola *(par.4)*– **hom** tirreferi għall-**<u>istudenti</u>**

a) quddiem għajnej**<u>h</u>** *(par.4)* – **h** tirreferi għal ______________________

b) Kemm qabżu meta rebħu**<u>ha!</u>** *(par.5)* – **ha** tirreferi għat- ______________________

**5. Agħti l-Għadd Imtenni ta':**

darba (*par.7*) ________________

**6. Aqleb il-verb ta' din is-sentenza fin-negattiv.**

Shaun tela' t-taraġ waħda waħda.

_______________________________________________

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ċ. Aħdem dawn il-mistoqsijiet billi żżomm f'moħħok iż-żewġ partijiet tal-ist**

**(6**

**1. Fisser fi kliemek dawn l-idjomi.**

a) "*jistennieha fuq ix-xwiek*" (*par.1)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (marka)

b) "*B'geddumu mdendel sal-art*" (*par.7)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (marka)

2. Ikteb **raġuni waħda** għaliex taħseb li l-istorja jisimha "**It-Tislima**".

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

3. Fl-istorja jissemmew bosta karattri. Liema għoġbok l-aktar?

Għid għaliex laqtek aktar mill-oħrajn.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

---

**TMIEM IL-KARTA**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers